**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Gunju, 2017.**

**Rikors Numru: 143/2015 CSH**

**Mediterranean Wellbeing Limited (C40909)**

**Vs**

**Comfur (Malta) Limited (C61818)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Mejju 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' tlett elef, hames mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€3,575.65) rapprezentanti hlas dovut minnha u li l-attrici kienet kostretta minghand terzi illi thallas minhabba l-fatt li gie ordnat xoghol minnha ad insaputa tal-istess attrici bi gwadann esklussivament taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficcjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta tal-kumpanija konvenuta **Comfur (Malta) Ltd** ipprezentata fis-16 ta' Gunju, 2015 fejn esponiet illi:

It-talbiet tal-attrici Mediterranean Wellbeing Limited huma legalment inammissibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghar-ragunijiet segwenti:

1. **Fl-ewwel lok**, in linea preliminari, ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kumpanija attrici u dik konvenuta. Jekk verament il-kumpanija attrici kienet '*kostretta*' teffetwa l-hlas reklamat, l-azzjoni taghha ghandha tkun diretta lejn min hekk ikkostringiha u mhux lejn il-kumpanija konvenuta.

2. **Fit-tieni lok**, ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni tal-kumpanija konvenuta, din tal-ahhar certament ma hijiex il-legittimu kuntradittur tal-kumpanija attrici.

3. **Fit-tielet lok**, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu li l-kumpanija konvenuta ordnat il-hwejjeg *ad insaputa* tal-kumpanija attrici, u a karigu tal-istess.

4. **Fir-raba' lok**, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija attrici jehtiegilha tressaq prova tal-hlas tal-ammont reklamat, u tar-raguni l-ghaliex hija giet 'kostretta' taghmel dan il-hlas.

5. **Fil-hames lok**, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat ma huwiex dovut u l-kumpanija konvenuta ma ghandha thallas xejn lill-attrici, it-talbiet tal-attrici jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici Mediterranean Wellbeing Limited, inkluzi dawk konnessi mal-ittra gudizzjarja li ggib ir-riferenza numru 568/15, mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib ir-riferenza 919/2015, mal-kontro-mandat li jgib ir-riferenza 1193/2015 u mac-cedola ta' depozitu relattiva li ggib ir-riferenza numru 875/15, illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Kenneth Donaldson** xehed nhar il-21 ta' Ottubru, 2015 bil-lingwa Ingliza u spjega li huwa l-azzjonist magguri u d-direttur tal-kumpanija attrici. Mhux veru li huwa gie sfurzat biex ihallas l-ammont imsemmi fir-rikors tieghu, fi kliem iehor is-somma ta' tlett elef, hames mija u hamsa u sebghin punt sitta u hamsin (€3,575.56). Huwa hallas dan l-ammont lill-kumpanija Taljana, lis-supplier Taljan li jismu Home Relax ghall-prodotti ssuppliti minn din il-kumpanija nonostante il-fatt li dawn l-istess prodotti kienu ordnati mill-kumpanija konvenuta tramite wiehed mill-impjegati. Apparentement irrizulta li dawn l-istess prodotti li huwa hallas ghalihom kienu konsenjati lil Comfur (Malta) Limited. Home Relax kien tah ukoll ricevuta ghall-pagament li kien ghamel. Huwa esebixxa kopja ta' *statement* mahrug lilu minn Home Relax in konnessjoni mal-kontijiet tieghu. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument Z. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument X liema dokument huwa *statement* mahrug mid-direttur ta' Home Relax maghruf bhala Massimo Bianchi. Esebixxa transfer tal-bank mill-kont tieghu ghal Home Relax ghas-somma in kwistjoni. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument Y. Ir-relazzjoni tieghu ma' Home Relax hija wahda tajba u tmur lura ghal hdax-il sena ta' negozju. L-ammont in kwistjoni kien *levied* rigward fattura partikolari. Huwa esebixxa kopja ta' din l-fattura li giet immarkata bhala Dokument S. Dawn il-fatturi nhargu lill-kumpanija

konvenuta li huwa m'ghandu l-ebda involviment maghha. Il-kumpanija Taljana kienet giet infurmata mill-kumpanija konvenuta li l-kumpanija Comfur kienet kumpanija kkontrollata minnu. Il-kumpanija Taljana hasbet li huma kienu qed jissuplixxu lill-kumpanija attrici ghax hekk kien intqal lilhom. Onestament huwa haseb li l-kont kien wasal u ghalhekk ghamel il-hlas. L-oggetti kienu ordnati minn persuna li tahdem mieghu. L-oggetti ordnati kienu ddisinjati minnu stess u ma kienux disponibbli ghal hadd fis-suq lokali. Huwa qatt ma ircieva l-affarijiet li kienu mnizzlin fil-fatturi. Dejjem kien hemm arrangament esklussiv bejn il-kumpanija attrici u Home Relax.

Fit-28 ta' Settembru, 2016 xehed **William Donaldson** bl-Ingliz tradott ghal-lingwa Maltija mill-Qorti. Dan ikkonferma li kellu r-responsabbilta' morali w legali li jhallas id-djun li effettivament kellhom Clayton u Luke Borg. Ikkonferma li dawn il-hlasijiet saru minnu bla ma talab ghal ebda parir legali qabel m'ghamel l-hlasijiet I nkwistjoni.

Rat illi nhar it-13 ta' April, 2016, is-socjeta' attrici pprezentat affidavit ta' **Kenneth Donaldson** fejn qal illi s-socjeta' Mediterranean Wellbeing Co. Ltd., permezz ta' Home Relax, iddisinjat u mmanifatturat sensiela ta' saqqijiet 'Wellbeing Range' u sodod gewwa l-Italja biex jinbieghu f'Malta. Iddikjara li l-kumpanija twaqqfet fl-2007 u li huwa l-azzjonist ewlieni u Managing Director taghha.

Iddikjara li huwa wkoll involut fin-negozju tal-ghamara, u li l-familja tieghu hija fin-negozju tal-ghamara gewwa Belfast, Dublin u Londra u ghaldaqstant l-esperjenza tieghu f'dan il-qasam hija wahda vasta.

Kompla li huwa zviluppa l-Wellbeing Range mhux biss fid-dehra, izda wkoll f'dak li ghandu x'jaqsam ma' prezzijiet, kompetittivita' u dak kollu mehtieg ghas-success.

Semma li skont id-Dokument CB5, anness ma l-affidavit ta' Clayton Borg (pagna 4), is-saqqu 'Classic' igib il-code reference MWDDONALDB 9, u zied li bosta mill-prodotti jinghatalhom 'code' simili mill-fabbrika. Qal li dawn huma prodotti unici manifatturati mill-kumpanija Wellbeing biss.

Zied li fil-kors tan-negozju ta' Wellbeing, fl-2012 kien holoq 'website domain' www.merinobedding.com u dan ghax hass li seta' johloq opportunijiet kbar ta' bejgh fis-suq tar-Renju Unit, fejn kienu jahdmu fi zmien precedenti. Kien f'dan iz-zmien li kien rega' ltaqa' ma' Clayton Borg. Skont Donaldson, kien diga' hadem ma' Clayton Borg fil-passat, pero' dan kien sofra xi problemi finanzjarji w kien jinsab f'posizzjoni difficli. Iddikjara li huwa kien offra lil Borg sehem ta' 50% fil- 'merinobedding website' jekk jizviluppaha. Kienu ftehmu li kellhom jaqsmu l-ispejjez u l-profitti b'mod ugwali, filwaqt li hu (Donaldson) kellu jipprovdi l-ufficcju u jhallas l-ispejjez. Clayton Borg kien qabbad lil huh Luke biex jassistih, pero' Donaldson isostni li la hu personalment u lanqas il-kumpanija ma mpjega lil Luke Borg. Pero' stqarr li Luke Borg ghen fix-xoghol tal-'websites' u 'social marketing'.

Qal li kien f'April 2013 meta ftiehem ma' Clayton Borg li jekk jizviluppa n-negozju ta' Wellbeing f'Malta, kien lest jaqsam mieghu nofs il-profitti, pero' sostna li l-'ownership' tal-kumpanija ma kinitx parti mill-offerta ghalkemm ammetta li kien tah x'jifhem li kien lest li

jiddiskuti tali offerta una volta l-kumpanija tibda' taghmel profitt. Zied li nel frattemp hu kien offra lil Clayton Borg li jghinu fil-hlas tal-'loans' u kien anke sellfu l-karozza tal-kumpanija ghal sitt xhur. Spjega li l-posizzjoni ta' Borg fil-kumpanija kienet wahda ta' 'consultant for marketing and business development'.

Donaldson stqarr li Clayton Borg effettivament ghen fiz-zieda tal-bejgh tal-kumpanija, pero' qal li filfatt l-ispejjez ta' 'advertising' kienu gholjin wisq, infatti bejn April 2013 u Awissu 2014, il-kumpanija nefqet €47,000 f'riklamar u kienet qed titlef il-flus. Sostna li l-'website' originali kienet ghadha mhix kompluta u kemm Clayton kif ukoll Luke kienu kontinwament jitolbuh il-flus. Iddikjara li l-kumpanija mhux talli ma kinitx qed taghmel profitt, izda talli t-telf kien dejjem jizdied. Barra minn hekk Clayton Borg kien qieghed jinforma lis-'suppliers' li huwa kien direttur tal-kumpanija u sahansitra qal lill-impjegati li huwa kien is-sid tal-kumpanija. Huwa gibidlu l-attenzjoni ghal dan kollu.

Ix-xhud imbaghad qal li f'Dicembru 2014 kien ircieva offerta ta' xiri tal-kumpanija minn terzi, li kienu nteressati li jew jixtru l-kumpanija 'out right' jew bil-management ezistenti. Kompla li kollox kien lest biex isir il-bejgh u hu dehrlu li jkun opportun li jinforma lil Clayton Borg b'dan kollu w anke li tinzamm laqgha bejn ix-xerrejja, l-accountant tal-kumpanija, Clayton Borg u hu (Donaldson). Hawnhekk Clayton Borg kien wera li ma kienx lest li jahdem ma' terzi w ippropona li jixtri l-kumpanija hu w qal li seta' jgib il-flus ghal dan il-ghan. Ghaldaqstant ix-xerrejja rtiraw l-offerta.

F'Jannar 2015 sar jaf li Clayton Borg kien tressaq il-Qorti in konnessjoni ma' falsifikar ta' dokumenti u kien inghata sentenza sospiza kif ukoll interdizzjoni generali li kienet timpedih milli jidhol f'kuntratti. Ghalkemm Borg beda jassigurah li dawn kienu problemi zghar, Donaldson hass li ma setax ikompli jaghmel iktar negozju ma' Borg.

Donaldson isemmi li Clayton u Luke Borg jghidu li fl-ahhar tal-2014 kienu kostretti jiffurmaw negozju gdid minhabba li ma setghux ikomplu jahdmu ma' Wellbeing, pero' skont Donaldson dawn kienu ffurmaw il-kumpanija KD01 Comfur (Malta) Limited, C61818, fis-6 ta' Settembru 2013, cioe' fl-istess zmien li kienu kkommettew ruhhom li jahdmu ma' Wellbeing. Skont Donaldson dan juri bic-car li huma kienu diga' bi hsiebhom jifthu kumpanija taghhom u riedu jinqdew b'Massimo Bianchi u l-prodotti ta' Wellbeing ghaliex ma kunux kapaci joholqu prodotti taghhom. Zied li Borg uzaw il-prodott '*Mattress Collection*' u nqdew bil-prodotti u 'marketing material' ta' Wellbeing, bhalma jidher mid-Dokument KD02 mill-Graphic Designer Mario Borg. Filfatt, qal, ghadhom jaghmlu hekk sallum.

Fit-12 ta' Jannar 2015, Clayton Borg kien ghamel ordni ta' prodotti Wellbeing ghal Home Relax, liema ordni kellha tintbaghat lilu. Massimo Bianchi genwinament haseb li kien qed jibghat l-ordni lil Wellbeing. Donaldson qal li kien biss meta hu tkellem ma' Bianchi w spjegalu dak kollu li kien qed jigri w dwar il-kumpanija Comfur, li t-tnejn li huma ndunaw li Clayton Borg kien dahaq bihom it-tnejn.

Kompla li apparentement fil-5 ta' Frar Clayton u Luke Borg kienu marru Prato biex jiltaqghu ma' Massimo Bianchi fejn gew infurmati li

Home Relax ma kinitx lesta tahdem maghhom. Sadanittant l-ordni li kien ghamel Borg kienet waslet, u Clayton kellu jbieghha nofs prezz.

Donaldson jiddikjara li hu bl-ebda mod ma jaghti tort lil Home Relax ta' dak li gara, u dan peress li dawn dejjem kien minghalihom li Clayton Borg kien qed jahdem ghal Wellbeing u li kienu qed jissupplixxu lil Wellbeing, kif qalilhom Borg.

Donaldson hass li kellu jonora d-debitu li Clayton u Luke Borg inkorrew meta suppost li kienu qed jahdmu ghal Wellbeing, u kien ghalhekk li hallas l-ammont dovut.

Fis-17 ta' Mejju 2016 xehed **Kenneth Donaldson** u esebixxa dikjarazzjoni maghmula minn Massimo Bianchi, li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. MB kif ukoll kopja tal-passaport Taljan tal-istess Bianchi, mmarkat Dok. MB1.

**Massimo Banchi** xehed nhar il-25 ta' Novembru, 2015. Ix-xhud gie muri l-affidavit tieghu esebit f'dawn l-atti a fol. 26 (Dok. X) u kkonfermah fl-intier tieghu, kif ukoll gharaf il-firma tieghu fuqu. Mistoqsi jekk jafx lil Clayton Borg, stqarr li jafu w gharfu prezenti fil-Qorti. Qal li jaf ukoll lis-Sur Donaldson u spjega li effettivament huma ghandhom relazzjoni kummercjali mas-Sur Donaldson f'isem is-socjeta' Mediterranean Wellbeing Company Limited, liema relazzjoni bdiet fis-sena 2004. Filfatt qal li Donaldson huwa l-agent esklussiv taghhom ghad-distribuzzjoni tas-saqqijiet hawn Malta.

Imbaghad qal li fl-2014 huma kienu rcevew talba minn Clayton Borg li kien jokkupa l-kariga ta' *purchase manager* mas-socjeta' attrici. Filfatt

is-Sur Borg kien infurmahom li xtaq jaghmel progett gdid sabiex tramite l-internet jibda jbiegh prodotti ohrajn li ma kienux jigu distribwiti mis-socjeta' attrici, w huma ma kellhom l-ebda oggezzjoni ghal dan. Kompla li filfatt mill-bidu nett is-Sur Clayton Borg kien qalilhom li l-progett li huwa kellu f'mohhu kien differenti minn dak li kienet qed tiggestixxi s-socjeta' attrici. Ghaldaqstant kienu ghamlu kampjuni tal-prodotti w kienu baghtu ghalihom lis-socjeta' konvenuta Comfur. Sostna li dan sar sa Dicembru tas-sena 2014. Ix-xhud qal li Clayton Borg innifsu kien infurmah li kien qed jipprova jixtri l-ishma tas-socjeta' attrici, pero' nel frattemp Clayton Borg xorta baqa' rapprezentant ta' l-istess socjeta' attrici. Borg kien qallu wkoll illi Donaldson kien ghejja minn dan ix-xoghol. Zied li effettivament Clayton Borg kien il-persuna ma' min kien jikkomunika ghan-nom tas-socjeta' attrici u kien hu li ghamel l-ordnijiet kollha. Sostna li hu kien qallu li ghalkemm ma kien isib l-ebda problema jekk huwa jixtri l-ishma ta' Mediterranean Wellbeing, pero' qallu wkoll li ma xtaqx ikollu problemi mas-Sur Donaldson. Stqarr pero' li huwa m'ghamel l-ebda verifiki dwar dak li kien qallu Borg.

Qal li kollox sehh permezz ta' telefonata ftit qabel il-Milied ta' 2014 u in segwitu' f'Jannar tat-2015 kienu rcevew email minghand Clayton Borg u sussegwentement ordni minn Comfur sabiex jipproducu hdax-il saqqu. Qal li dawn il-hdax-il saqqu kienu ezattament skont il-kollezzjoni li kienu jibaghtu lis-socjeta' attrici minkejja illi s-socjeta' konvenuta kienet infurmathom li hija xtaqet tbiegh dawn is-saqqijiet tramite l-Internet.

Mistoqsi mill-Qorti jekk filfatt baghatx dawn il-hdax-il saqqu hawn Malta, wiegeb li huma ma kellhomx ghalfejn jiddubitaw u allura

baghthom. Kompla li huwa ma kellux ghalfejn jahseb li Borg kien qed jaghmel xi hsara lis-socjeta' attrici. Inoltre kkonferma li Clatyon Borg ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta fil-fatt ircieva dawn il-hdax-il saqqu. Pero' x-xhud zied li filfatt wara li kien baghat dawn il-hdax-il saqqu, huwa kien informa wkoll lis-sur Donaldson. Hawnhekk qal li Donaldson kien infurmah li dawn is-saqqijiet, li kienu l-istess, kienu ntbaghtu lil socjeta' li filfatt hija konkorrenti tas-socjeta' tieghu. Stqarr li b'dan la hu ma kien kuntent u lanqas is-socjeta' attrici.

Hawnhekk ix-xhud spjega li fil-fatt is-Sur Borg kien *purchasing manager* tas-socjeta' attrici fl-istess hin li kien is-sid tas-socjeta' konvenuta. Ammetta li din is-sitwazzjoni kkrejat problemi w konfuzjoni. Mistoqsi ghaliex effettivament huma kienu baghtu l-istess prodott li jbieghu lis-socjeta' konvenuta meta filfatt kellhom ibieghu affarijiet differenti tramite l-Internet, wiegeb li ghamlu hekk ghaliex effettivament is-Sur Borg kien qalilhom li huwa kien fi stadju li jixtri sehem is-Sur Donaldson fis-socjeta' attrici u li ma kien se jikkaguna l-ebda hsara. Una volta ndunaw li effettivament kien hemm problema, zammew lis-socjeta' attrici, cioe' lil Donaldson, bhala l-agent esklussiv taghhom hawn Malta. Ghalhekk insistew illi dawn il-hdax-il saqqu li kienu ntbaghtu kellhom jithallsu mis-socjeta' attrici, u filfatt kienet hi li hallset ghalihom is-somma ta' tlett elef u hames mija, hamsa u sebghin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€3,575.56) ghall-invoice li effettivament huma kienu baghtu lis-socjeta' konvenuta. Ix-xhud sostna li Donaldson insista li jhallas hu peress illi meta effettivament saret l-ordni s-Sur Borg kien ghadu mpjegat tas-socjeta' attrici u s-Sur Donaldson hass li kien responsabbli ghal komportament tal-impjegat tieghu is-Sur Clayton Borg.

Cahad pero' li huma sforzaw lis-Sur Donaldson biex jaghmel tajjeb ghal din l-ordni, anzi zied jghid li Donaldson hallas ghal dan il-kont biex izomm il-kuntratt li kellu maghhom u cioe' li jkun l-*exclusive distributor* taghhom hawn Malta.

Filwaqt li kkonferma li kull komunikazzjoni li saret bejnu w bejn is-Sur Borg kollha saret telefonikament, insista li ma saret l-ebda korrispondenza li giet skambjata tramite l-email. Ikkonferma li l-email address tieghu huwa m.banchi@maisonbanchi.com.

Illi **Massimo Banchi** xehed ukoll permezz ta' affidavit li gie pprezentat ma' nota nhar is-17 ta' Mejju 2016 mis-socjeta' attrici. Ghal darb' ohra Banchi kkonferma li huwa General and Managing Director ta' Home Relax s.r.l. u li mis-sena 2007 is-socjeta' Wellbeing Limited bdiet tbiegh saqqijiet u oggetti relatati, ddisinjati minnha w manifatturati mill-kumpanija tieghu.

Sostna li ghalkemm kien jaf li Luke Borg kien involut fid-disinn tal-websites, hu qatt ma kellu xi forma ta' komunikazzjoni mieghu dwar Comfur. Insistna li qatt ma ddiskuta n-negozju mieghu, anzi zied li mhux minnu dak li qal Borg, cioe' li kien hemm xi laqghat bejniethom, ghalkemm ammetta li fil-5 ta' Frar, dan kien mar ma' Clayton Borg fil-fabbrika tieghu, minghajr ma kien mistieden jew mistenni. Hemmhekk kienu qalulhom li hu ma kienx lest jinnegozja maghhom u filfatt kienu telqu.

Sahaq li ma kien hemm l-ebda skambju ta' emails bejnu w Clayton Borg rigwardanti li Comfur kienet socjeta' distinta minn Wellbeing u zied li huma tkellmu biss permezz tat-telephone. Iddikjara li hu qatt ma

rcieva d-dokumenti esebiti bhala Dok CB2 u CB3 u li ma giet l-ebda '*receipt confirmation'* bhala prova li dawn intbaghtu lilu.

Iddikjara inoltre li hu ma kienx jaf li Comfur (Malta) Limited kienet se tintuza indipendentement minn Wellbeing Limited u li ma kinitx proprjeta' ta' Ken Donaldson. Cahad dak li qal Clayton Borg, cioe' li hu qallu li kien inkwetat li Ken Donaldson ma kienx se jhallsu, w li hu tah l-esklusivita' tal-prodott. Zied li dan mhux minnu w li din id-diskussjoni qatt ma sehhet.

Insista li l-kumpanija tieghu Home Relax baghtu s-saqqijiet lil Comfur, unikament minhabba l-fatt li huma kienu tal-fehma li Comfur (Malta) Limited kienet parti minn Wellbeing.

Fit-28 ta' Settembru, 2016 xehed **Massimo Banchi** bit-Taljan tradott ghal-lingwa Maltija mill-Qorti stess. Huwa kkonferma illi d-dikjarazzjoni tieghi li tinsab ezebita fl-atti a fol. 99 markata bhala Dokument MB hija l-verita' u ghaldaqstant ikkonferma l-kontenut taghha w qal li m'ghandu xejn xi nzid mal-istess affidavit. Gie muri l-email esebita fl-atti a fol. 48 tal-process u ddikjara li hu qatt ma ra din l-email u m'ghandu l-ebda konoxxenza taghhu. L-istess jinghad ghall-email a fol. 49, cioe' li m'ghandu l-ebda konoxxenza ta' tali email. Mistoqsi jekk mill-memorja jiftakarx l-emails kollha li jircievi, stqarr illi le. Mistoqsi x'inhu l-email address tieghu qal li huwa m.banchi@maisonbanchi.com.

Ix-xhud ikkonferma li s-Sinjura Barbara Boratti hija mpjegata mas-socjeta' tieghu. Mistoqsi jekk rax l-affidavit li kienu ghamlu Clayton Borg u Luke Borg, wiegeb li ma jiftakarx kienx rahom qabel ma

ghamel l-affidavit tieghu, pero' mbaghad ikkonferma li ma kienx ra l-i*statements* li kienu rrilaxxjaw Luke u Clayton Borg f'dawn il-proceduri qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu.

Rat l-affidavit ta'**Clayton Borg** datat 20 ta' Jannar, 2016, fejn bil-gurament tieghu kkonferma li huwa mpjegat ta' Comfur (Malta) Limited.

Huwa ssieheb mal-Mediterranean Wellbeing Company Ltd. specifikament ghaliex Kenneth Donaldson kien staqsih biex jinghaqad mieghu sabiex idawwruha minn kumpanija falluta ghal negozju li jhalli l-qligh (li hu eventwalment ghamel). Huwa dejjem kien gie moghti x'jifhem li huwa kien sieheb indaqs ma' Kenneth Donaldson fil-Mediterranean Wellbeing Company Ltd. Huwa kien shab indaqs ma' Kenneth f'kumpanija ohra li kienet imwaqqfa biex tbigh 'bedding products', Windsor Consulting International. Fil-passat kien ukoll shab ugwali ma' Kenneth f'negozji ohrajn.

Qal li Kenneth Donaldson qed jipprova jaghti l-impressjoni li s-saqqijiet mibjugha minn Mediterranean Wellbeing Company Ltd. kienu ddisinjati minnu, izda hu nsista li dan mhuwiex vera. Filfatt, is-saqqijiet huma parti minn linja ta' saqqijiet bl-isem '*Relaxamed*' li Massimo Banchi (ta' Homerelax Srl) biegh lil hafna hwienet tas-saqqijiet (Doc CB1), inkluzi Mediterranean Wellbeing Company Ltd. Filfatt, sa Frar 2015, Mediterranean Wellbeing Company Ltd. ma kellux ftehim esklussiv ma' Homerelax Srl. Huwa bhala fatt jaf li mill-2013, waqt li kien l-Italja hu u Kenneth staqsew lil Massimo Banchi ghall-esklussivita' u hu rrigettahom, u qalilhom li huwa jbiegh

saqqijjiet lill-kumpaniji Maltin ohra, perezempju lill-World Marketing u International Sales Direct.

Imbaghad f'Dicembru, 2014, Kenneth Donaldson infurmah illi hu ma xtaqx li jkompli fin-negozju tas-saqqijiet u li kien qed ifittex bil-qawwi biex ibiegh kollox, u jekk ma jirnexxilux ibiegh kien lest li jaghlaq il-kumpanija. Borg qal li Donaldson u siehbu kienu sejrin tajjeb bir-ristoranti li kienu jmexxu flimkien u li sieheb Donaldson ma xtaqux ikompli bil-kumpanija tas-saqqijiet. Donaldson kien qallu li kellu offerta u anke offrielu biex jixtri 100% tal-kumpanija – fejn allura injora kompletament l-arrangament ta' 'partnership' li kien hemm bejniethom. Dan ifisser li huwa ma kien ser jircievi xejn mill-bejgh lil terzi persuni u lanqas il-50% mill-profitt li l-kumpanija kienet qed taghmel.

Qal li kienet decizjoni iebsa li jitlaq minn Wellbeing, specjalment wara iktar minn sentejn jibni b'success id-ditta Wellbeing lokalment. Madanakollu huwa hass illi ma setax jahdem aktar ma' Kenneth Donaldson, meta tqis kif dan tradih. Fit-12 ta' Jannar, 2015 huwa baghat email lill-fornitur (Doc CB2) biex jinfurmah b'dan. Huwa infurmah ukoll li huma kienu ser jifthu hanut taht Comfur Ltd. Fl-istess gurnata, huwa baghatlu email ohra (Doc CB3) sabiex jinfurmah liema prodotti huwa ried jaghmel fuq is-suq. L-ewwel ordni inbaghatet jumejn wara (Doc CB4), kienet ipprocessata u mibghuta lilhom. Meta huwa rcieva l-konferma tal-ordni (Doc CB5), huwa informa lill- Homerelax Srl li l-50% skont li huma ftiehemu fuq il-prodotti tal-wiri ma kienx jidher (Doc CB6 u CB6A) u li l-fattura kellha tkun €2601.03 u mhux €3575.65.

Fit-30 ta' Jannar, 2015, huwa nduna li Homerelax Srl bi zball baghatu l-fattura taghhom lil Kenneth. Huwa ircieva wkoll telefonata minghand Kenneth biex jinfurmah b'dan u heddu li ser ifittxu ghad-danni.

Huwa kellem lill-fornitur permezz tat-telefown. Dak qallu li Kenneth Donaldson kien qieghed jheddu illi jekk ma jiffirmax il-ftehim esklussiv mieghu u jwaqqaf ir-relazzjoni mieghu (max-xhud), hu ma kienx se jhallsu dak li kellu jiehu – li kien bejn wiehed u iehor €11,000 (Doc CB7). Qal li Kenneth Donaldson ghandu storja ta' dejn akkumulat ma' dan il-fornitur (Doc CB8, CB8A, CB9, CB10, CB11, CB11A), u ghalhekk fil-fehma tieghu Massimo Banchi kien inkwetat u dehrlu li kellu jaghmel xi haga.

Ix-xhud zied li fit-3 ta' Frar, huwa ircieva email minghand il-fornitur (Doc CB12), fejn gie mgharraf illi <u>issa</u> huma ghandhom arrangament esklussiv ma' Kenneth u li ghalhekk ma setghux ibieghu lilhom hawn Malta u ghalhekk ipprovdewlhom nota ta' kreditu (Doc CB13) ghall-ammont shih tal-fattura.

Ghaldaqstant hu flimkien ma' Luke Borg marru jzuru lill-fornitur fil-5 ta' Frar. Dawn qalulhom li kienu lesti li jkomplu jahdmu maghhom internazzjonalment madanakollu ma setghux jissupplixxuhom ghal Malta ghax issa kienu kkommettew ruhhom ghall-arrangament esklussiv ma' Kenneth. Esebixxa email u l-arrangament ta' esklussivita' kreat mill-Avukati ta' Kenneth Donaldson b'effett mid-19 ta' Frar 2015 biss (Doc CB14, CB14A). Din turi li meta Donaldson jghid illi l-essklussivita' kienet hemm minn qabel, ovvjament hu mhuwiex qed jghid il-verita'.

Fil-5 ta' Frar 2015, enneth Donaldson baghatlu email u qallu li l-fornitur kien pogga l-fattura taghhom fuq l-istatement tieghu. Ix-xhud wiegbu li ghandu zball u tah parir illi jekk il-fornitur iccargjah ghal prodotti ta' kumpaniji ohrajn, floku hu ma jhallashomx (Doc CB15). Bhala evidenza li Kenneth Donaldson tabilhaqq kien qed jigdeb fl-iskambju tal-emails, esebixxa *statement* li l-fornitur baghat lil Kenneth datat 11 ta' Frar 2015 illi turi li l-fattura taghhom ma kinitx inkluza fl-istatement. (Doc CB16, CB16A).

Minhabba l-azzjonijiet tal-fornitur, Comfur (Malta) Limited soffriet telfiet sostanzjali. Ir-reklamar kien diga' mhallas u l-klijenti kienu gejjin fil-hanut biex jaghmlu l-ordnijiet madankollu ma setghux jaqduhom ghaliex huma ma kellhomx fornitur.

Sostna li l-ittra li Massimo Binchi kkonferma fil-Qorti hija kollha fabbrikata. M'huwiex veru li huma infurmawh illi l-kumpanija taghhom tifforma parti mill-Mediterranean Wellbeing Company Ltd jew inkella li hija assoccjata ma' Kenneth Donaldson. Qal li dan huwa evidenti mid-dokumenti minnu esebiti.

In kontro-ezami nhar il-25 ta' Jannar, 2017 **Clayton Borg** qal illi hu kien jahdem mas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' attrici tibda taghmel il-profitt. Filfatt kien *partner* flimkien ma' William Donaldson fuq negozju simili. Zied li kien fehem li fis-socjeta' attrici kellu jkun sieheb nofs bin-nofs ma' William Donaldson. Pero' aktar tard wara certu zmien induna li kien biss impjegat taghha minkejja li kien haseb jew gieghluh jahseb li kellu jkun socju. Fil-fatt ghandu *partnership agreement* ma' William Donaldson fuq kumpanija ohra li pero'

m'ghandha x'taqsam xejn mas-socjeta' attrici, pero' kien hemm similarita' fis-sens li kienet tbigh saqqijiet. Zied li m'ghandux kopja ta' dan il-ftehim pero' jaf li dan il-ftehim sar minn Dr. Shazoo Ghaznavi. Xi sentejn wara li kien beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, Kenneth William Donaldson, f'Dicembru tas-sena 2014 qallu li ma kienx aktar interessat li jkompli b'dan in-negozju u dan ghaliex aktar kellu interess fir-restorant tieghu u kien dak iz-zmien meta qallu li xtaq ibiegh u kien hemmhekk meta hu nduna li effettivament kien gie offrut sabiex jixtri s-sehem kollu tal-kumpanija u mhux biss in-nofs u konsegwentement kien hemmhekk proprju meta nduna li ma kienx *partner*. Qal illi dawn is-saqqijiet kienu gew ordnati specifikatament ghas-socjeta' konvenuta u qatt ma kien hemm xi kwistjoni dwar il-hlas u filfatt kienu miftehmin li kellhom l-istess *payment terms* ta' tletin jum u xejn aktar. Kienu ordnaw dawn is-saqqijiet f'nofs Jannar sabiex ikunu *displayed* fil-hanut u fl-ahhar ta' Jannar sar jaf li l-*invoice* li suppost kellha tigi mibghuta lilhom kienet giet mibghuta lis-socjeta' attrici. Inqala' l-inkwiet kif jirrizulta mill-affidavit tieghu stess u zied jghid illi l-kommunikazzjoni bejnhom u bejn is-socjeta' estera waqfet. Huwa flimkien ma' huh Luke marru l-Italja biex jitkellmu mas-*supplier* u dwar din il-kwistjoni u kien dakinhar meta saru jafu li effettivament is-socjeta' estera ma setghatx tissuplixxihom aktar u dan peress li kellhom *exclusivity* mas-socjeta' attrici. Effettivament kienu marru tkellmu ma' Massimo Banchi ghax kellhom ftehim mieghu li kellu jissuplihom fil-hanut u jtihom id-*display items*, jiehdu l-ordnijiet u jbieghhuhom. Naturalment a bazi ta' dan il-ftehim kienu nefqu xi flus ghall-*advertising* u affarijiet bhal dawn u meta raw li ma setghux ikomplu l-ordnijiet li kellhom kien ghalhekk li marru l-Italja biex jaraw xi ftehim seta' jsir. Qal li sofrew diversi danni u spjega illi ma hallsux ghax sofrew danni mis-socjeta'

estera. L-*invoice* ma kinitx korretta ghaliex effettivament dawn kienu *display item*s u kienu wkoll qablu li kellu jkun hemm xi *discount* u in segwitu' saru jafu li ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni. Minkejja li kellhom l-ordnijiet, ma kellhomx *supplier*, u ma setghux ibieghu.

Zied jghid li hu kien informa lil Banchi li l-ordni kienet tas-socjeta' konvenuta u qal li filfatt hemm emails esebiti fejn hemm indikat li effettivament is-socjeta' attrici ma kellha x'taqsam xejn maghha. Ir-relazzjoni bejnu u bejn is-socjeta' attrici waqfet f'Dicembru 2014, f'dawk iz-zminijiet u naturalment kien infurmah li kien se jieqaf mir-relazzjoni lavorattiva mieghu. Mistoqsi jekk Mr Donaldson kienx staqsieh biex ihallas ghal dawn is-saqqijiet, qal li iva kien ircieva telefonata li kien effettivament se jipprezenta xi rapport kriminali u qallu biex ihallas ghal dawn is-saqqijiet ghalkemm ma kellux x'jaqsam maghhom. L-invoice in kwistjoni ma kellha x'taqsam xejn mas-socjeta' attrici. B'referenza ghal Dokument CB14 esebita f'dawn l-atti u mistoqsi kif giet ghandu minkejja li ma kinitx ikkuppjata lilu, wiegeb li meta kien mas-socjeta' attrici kien hu li jiggestixxi l-kumpanija u kellu *email account* fejn kellu kopji tal-emails kollha tal-istaff u kien ghalhekk li kellu kopja taghha. Qal li wara Dicembru 2014 ma kellux aktar access ghal dan l-email, pero' zied li wara li effettivament kien inqala' dan l-inkwiet kollu hu kien accessa dan l-email u gabar id-dokumentazzjoni hemm installata. Ikkonferma li huwa minnu li effettivament is-Sur Donaldson kien cempillu sabiex jaghtih il-passwords kollha li kellu u dan ghamlu u sahansitra anke Dr. Ghaznavi kien jaf dwar dan. Filfatt kien tah l-informazzjoni kollha rikjesta minnu. Qal li filfatt kienu hargu wkoll akkuzi kriminali fil-

konfront tieghu li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawza in kwistjoni.

**Clayton Borg** kompla jixhed fit-22 ta' Frar, 2017 fejn esebixxa dokument li jindika li kien *partner* mas-sinjur Kenneth William Donaldson, fil-kumpanija li jisimha Island Response Limited. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CS. Qal li ghandu wkoll korrispondenza mibghuta lilu kif ukoll lil Kenneth William Donaldson b'*shareholder agreement*s li jindikaw li effettivament kienu *partners*. Dawn gew immarkati bhala Dokument CS1. Esebixxa wkoll dokumenti, emails mibghuta lilhom mill-avukati li jindikaw illi kienu sidien ta' kumpanija bl-isem ta' Windsor Consulting International. Fir-rigward tas-socjeta Wellbeing pero' m'ghandu l-ebda dokument li juri li kienu shab. Cio' nonostante pero' xorta kienu socji f'din is-socjeta' fis-sens li kellhom *gentlemen's agreement*. Fir-rigward tal-kumpanija Wellbeing ma kellhom l-ebda ftehim bil-miktub. Minkejja dan hemm diversi emails li jindikaw li kienu socji u Kenneth William Donaldson qatt ma meriehom f'dan ir-rigward. Anki lis-*supplier in question* hemm email fejn hemm indikat li kienu *partners*.

Rat l-affidavit ta'**Luke Borg** datat 20 ta' Jannar, 2016, fejn bil-gurament tieghu kkonferma li huwa direttur ta' Comfur (Malta) Limited.

Huwa ghamel xoghol ghal Kenneth Donaldson f'hafna kapacitajiet differenti; huwa ghamel *marketing online, social marketing advising, social media management*, reklamar, *campaign management*. Huwa ma kellux kuntratt ta' xoghol.

Spjega li Kenneth Donaldson prova jbiegh in-negozju Mediterranean Wellbeing Company Limited lilu u lIL Clayton u qalilhom li jekk hu ma jirnexxielux ibiegh kien se jaghlaq in-negozju. Ix-xhud zied jghid li peress li t-termini tal-offerta m'ghogbuhx, iddecieda li jiftah stabbiliment tieghu taht il-kumpanija Comfur (Malta) Limited.

Qabel ma pogga xi ordni f'isem Comfur (Malta) Limited, huwa tkellem mal-fornitur (HomeRelax srl). Massimo Banchi (ghal HomeRelax srl) kien imgharraf illi Comfur (Malta) Ltd. ma kellha assolutament xejn x'taqsam ma' Kenneth Donaldson u ghal Banchi kien kollox sew, tant li xtaqilhom ukoll ir-rizq f'dan in-negozju l-gdid.

Il-prodotti relatati mal-fattura in kwistjoni gew ordnati u ircevewhom. Wara li rcevew il-prodotti, huma ma setghux jikkuntattjaw lill-fornitur Massimo Banchi, ghalhekk kellhom imorru l-Italja biex jiltaqghu mieghu fil-5 ta' Frar 2015. Waqt il-laqgha Massimo infurmah illi hu ma jistax jipprovdilhom aktar prodotti ghax hu kien ghamel arrangament ta' esklussivita' ma' Kenneth u ma riedx li jkun hemm xi konfuzjoni. Huma ddiskutew il-fattura ghaliex l-ammont ma kellux l-iskont li kienu ftehmu dwaru u lanqas ma naqqsulhom l-ammont ta' danni minnhom inkorsi minhabba l-ghemil tal-fornitur. Madanakollu l-unika komunikazzjoni min-naha taghhom kienet li jibghatluhom nota ta' kreditu.

Sostna li huma tilfu l-hin u l-flus minhabba dan kollu. Bhala stat ta' fatt huwa jaf illi Kenneth Donaldson ma kellu l-ebda ftehim dwar esklussivita' ma' HomeRelax Srl, u dan jafu ghax kien prezenti f'laqgha li saret fit-2013 meta Donaldson u Clayton Borg kienu talbu ghal tali ftehim u gew rifjutati.

Qal li huwa urtat li Kenneth Donaldson irnexxielu jkisser ir-relazzjoni taghhom mal-fornitur u li dan hallih b'hanut miftuh gdid u minghajr fornitur biex jissupplixxi l-ordnijiet.

Zied li Massimo Bianchi (il-fornitur) ukoll mhux jghid il-verita'. Meta dan jghid illi Clayton Borg u hu qalulu li Comfur (Malta) Ltd. hija ta' jew b'xi mod hija assocjata ma' Kenneth Donaldson, qieghed jigdeb, u dan il-fatt huwa msahhah bl-evidenza provduta minn Clayton Borg flimkien mal-affidavit tieghu, li huwa ra u jikkonferma.

Illi fil-15 ta' Gunju, xehed **Luke Borg** in kontro-ezami. Dan iddikjara li huwa kien parti fin-negozjati rigward Mediterranean Wellbeing Limited u li huwa Direttur fis-socjeta' konvenuta. Qal li l-avukat difensur tas-socjeta' attrici kien zbaljat meta qal li ma kienx hemm diskussjonijiet dwar l-*invoice* prodotta minn Home Relax. Qal li s-socjeta' konvenuta qatt ma talbet Credit Note lis-Sur Banchi. Qal li l-ordni ma' Home Relax kien ghamilha Clayton u kkonferma li l-merkanzija waslet Malta w fil-fatt ircevewha u bieghuha ghalkemm mhux cert jekk bieghuhomx ghall-prezz propost jew *discounted*. Mistoqsi jekk Home Relax thallsitx wara li rceviet l-invoice, ikkonferma li ma thallsitx ghar-raguni li s-*suppliers* qatghu kull kuntatt minn maghhom u filfatt kienu anke marru l-Italja biex jaraw x'kien gara. Filfatt iltaqghu mas-*supplier* u talbuh *discount* fuq l-*invoice* peress li s-saqqijiet in kwistjoni kellhom jintuzaw bhala *display*. Wara dakinhar ma semghu xejn iktar minghand Massimo Banchi u ghaldaqstant l-*invoice* baqghet pendenti. Mistoqsi jekk kienux ircevew *acknowledgement* li l-ordni kienet filfatt intbaghtet minn Massimo Banchi, wiegeb li mhux cert. Qal li ma jafx

ezattament meta twaqqfet Comfur Malta, pero' zgur li kien 2013 – 2014 filwaqt li kkonferma li hu kien jahdem mas-socjeta' attrici fil-perjodu 2013 – 2014 – 2015. Ikkonferma li huwa qatt ma nforma lis-socjeta' attrici jew lil Mr. Donaldson li kellu kumpanija li kienet tbiegh l-istess prodotti, u zied li effettivament ma kinux ibieghu l-istess prodotti. Sostna li l-kumpanija konvenuta ma kienet tbiegh xejn izda kienet biss kumpanija registrata.

In ri-ezami x-xhud qal li s-socjeta' attrici kienet ghamlet l-ordni direttament ma' kumpanija barranija bl-isem ta' Home Relax.

Fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2017 il-kawza giet trattata u l-partijiet qablu li kellha tithalla ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din l-kawza kienu s-segwenti u dawn m'humiex kontestari fil-bicca l-kbira taghhom:-

1. Illi l-konvenut Clayton Borg kien impjegat tas-socjeta' attrici meta flimkien ma' Luke Borg irregistra s-socjeta' konvenuta Comfur (Malta) Ltd.
2. Illi waqt li Clayton Borg kien impjegat mas-socjeta' attrici, kien ghamel ordni ghal hdax-il saqqu mas-socjeta estera Home Relax sabiex jimporta hdax-il saqqu sabiex ibieghhom f'isem is-socjeta' konvenuta.
3. Illi d-Direttur tas-socjeta' Home Relax, u cioe' Massimo Banchi, baghat dawn is-saqqijiet lis-socjeta' konvenuta kif kien ordnat lilu taht il-pretest li huwa haseb li kien qed jibghathom lis-socjeta'

attrici, u dan ghaliex kien gja ilu numru ta' snin jinnegozja mas-socjeta' attrici u r-relazzjoni ta' bejnu u s-socjeta' attrici kienet wahda tajba.

4. Illi kif jirrizulta mid-dokument esebit minn Kenneth Donaldson immarkat bhala Dok. S (a fol. 31) hemm indikat li l-ordni li kienet saret mis-socjeta' konvenuta giet registrata mas-socjeta' estera f'isem is-socjeta' attrici u dan ghaliex jihder li d-destinatarju huwa s-socjeta' attrici.
5. Jirrizulta ukoll mid-dokument immarkat bhala Dok. T (a fol. 29) li s-socjeta' attrici hallset lis-socjeta' estera is-somma ta' tlett elef, hames mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€3,575.65) ghal dawn l-istess saqqijiet. U din l-ordni tidher ukoll fuq l-i*statement* tas-socjeta' attrici minkejja li s-saqqijiet gew mibjugha mis-socjeta' konvenuta u r-rikavat ingabar minnha wkoll.
6. Massimo Banchi ikkonfema li kien baghat is- saqqijiet lil Clayton Borg ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ghaliex fl-istess hin haseb li kien qed jittratta ma' Kenenth Donaldosn li huwa d-Direttur tas-socjeta' attrici.
7. Banchi jghid li kien informa lil Donaldson wara li baghat il-konsenja, u stante li Clayton Borg fiz-zmien tal-ordni kien ghadu impjegat mas-socjeta' attrici, Donaldson hass li kellu jhallsu hu u hekk ghamel u dan bil-ghan li jzomm il-kuntatt li kellu ta' *exclusive distributor* tieghu.
8. Clayton Borg fix-xhieda tieghu jghid ukoll li s-socjeta' ta' Banchi kienet baghtet l-*invoice* tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bi zball.
9. Clayton Borg jghid li s-socjeta' konvenuta sofriet danni meta s-socjeta' estera Home Relax hadet id- decizjoni sabiex ma tibghatx aktar saqqijiet lis-socjeta' konvenuta, stante li kienet gja inkorriet

hafna spejjez fir-reklamar ta' dawn is-saqqijiet li kienet intenzjonata sabiex timporta.

Illi fid-dawl ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, l-Qorti trid tara x'kien in-ness bejn iz- zewg socjetajiet kontendenti u dan ghaliex is-socjeta' attrici hallset id-dejn tas-socjeta' konvenuta minghajr l-approvazzjoni *a priori* taghha u minghajr ma giet surrogata fid-drittijiet taghha, u kif jghid Kenneth Donaldson stess huwa ghamel il-pagament ghaliex hass li kellu obbligu u responsabilita' morali.

Illi ghalhekk jispetta lis-socjeta' attrici tipprova li hija kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta u dan ghaliex min jallega jrid jipprova. Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet **Martin Mifsud et vs Marika Almerigo** fejn intqal:

*"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:

"*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."*

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu.

Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** deciza fit-28 ta' April, 2004:

"*...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazighal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa'dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'.

Finalment il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha stess tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **MiddleSea Insurance p.l.c.vs Rudolph Spiteri** (Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li hija ma kellhiex relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u se mai ir-relazzjoni li kellha is-socjeta' attrici kienet mas-socjeta' estera Home relax Srl  u li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur,* holoq ir-*relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa lobbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"*….il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992*[1]*.*

*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

[1] Vol. LXXVI iv 677.

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (**Art. 993 Kap. 16**) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede*."

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[2] irriteniet ukoll li:

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."*

U aktar tard ziedet li:

"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)*."

Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

• normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;

[2] 20 ta' Ottubru 2003

• Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;
• fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;
• kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita *in buona fede*;
• min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata;
• altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta;

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno.

Illi f'dan il-kaz minkejja li jirrizulta li s-socjeta' attrici hallset id-debitu li kellha is-socjeta' konvenuta mas-socjeta' estera, ma jirrizultax li s-socjeta' attrici ghamlet dan bl-approvazzjoni tal-istess socjeta' konvenuta u ghalhekk mas-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika. Huwa minnu kif dispost fl-**artikolu 1149 (1) tal-Kodici Civili** li "*l-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur*", pero' sabiex dan isir huwa necessarju li, "*f'dan il-każ, il-kreditur ma jkollux interess illi l-obbligazzjoni tiġi esegwita mid-debitur innifsu, u l-esekuzzjoni tiġi offerta minn terza persuna fuq talba tad-debitur*."

Fil-kaz prezenti jirrizulta li is-socjeta' attrici qabdet u ghamlet dan il-pagament minn rajha minghajr talba mis-socjeta' konvenuta li kienet id-

debitrici u bhala fatt is-socjeta' estera ma kellha l-ebda interess li l-obbligazzjoni ta' hlas tigi esegwita mis-socjeta' debitrici konvenuta stess.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridka bejn is-socjetatijiet kontendenti u ghalhekk semmai is-socjeta' attrici messha harrket lis-socjeta' estera a bazi ta' *in debito solutio.*

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara li ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjetajiet kontendenti u konsegwentement tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' attrici.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.
Magistrat

Marbeck Spiteri
Deputat Registratur